**Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum – Mejju 2004**

**MALTI**

**IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI**

# Kummenti ġenerali dwar il-karta

## A. Ir-riżultat

L-eżaminaturi huma sodisfatti bir-riżultat. Il-persentaġġ ta’ dawk li għaddew niżel minimament (minn 79.8% għal 79.5%). Iżda jitħassbu meta jaraw li n-numru ta’ kandidati li għaddew bi grad Ċ huwa aktar għoli mis-sena li għaddiet. M’għandniex inkunu sodisfatti b’dan. L-eżaminaturi jixtiequ jaraw li n-numru ta’ kandidati fil-faxex B u A jiżdied u mhux jonqos bħal ma ġara din is-sena. Dan il-għan jista’ jintlaħaq bi sforzi kollettivi fil-klassijiet u b’konċentrazzjoni fuq l-erba’ ħiliet: smigħ, taħdit, qari u kitba, u mhux b’konċentrazzjoni fuq il-kitba f’taħriġiet għall-eżami.

## B. L-analiżi strutturali tal-karta tal-Malti

Mill-analiżi strutturali fuq il-binja tal-karta joħroġ li 31% tal-marki kienu allokati għal mistoqsijiet u taħriġiet litterali jew diretti u allura bl-inqas livelli ta’ diffikulta`. Kien hemm 30% tal-marki li ngħataw għal mistoqsijiet/taħriġiet anqas diretti u ta’ diffikulta` medja. Mill-kumplament tal-marki 30% ġew abbinati għal stimuli lejn il-kreattivita` u 9% għal fehem inferenzjali ogħla.

## Ċ. Il-miri tat-tagħlim

L-ewwel u qabel kollox l-eżaminaturi jixtiequ jwasslu l-apprezzament tagħhom lill-għalliema għall-fatt li s-suġġerimenti li twasslu fir-rapporti passati qegħdin jittieħdu bis-serjetà.

Iżda, bħas-snin imgħoddija, iridu jisħqu ma’ l-għalliema fuq metodoloġija li twassal il-lingwa mgħallma f’kuntest u b’taħriġiet funzjonali. Jisgħob bihom ukoll li l-użu ta’ l-idjoma qed jonqos b’tali mod li ħafna kandidati ma jagħrfux it-tifsir li twassal. Għalkemm qed jiżdied in-numru tal-kandidati b’kompetenza kreattiva, l-idjoma ftit qiegħda tidħol fil-kuntest tal-kreattività u dan huwa riflessjoni tan-nuqqas fil-lingwa mitkellma. Jekk ma tintużax fil-ħajja ta’ kuljum ikun diffiċli li narawha espressa f’kitba. Dan huwa wkoll xhieda ta’ nuqqas ta’ qari.

L-eżaminaturi jgħidu li jidher li hemm bżonn li l-għalliema joħolqu ambjent fil-klassi fejn l-istudenti jieħdu sehem f’dibattiti u djalogi kif ukoll f’sessjonijiet ta’ smigħ u taħdit biex jitlaqqgħu mar-realtà lingwistika. Ma jistax ikun li t-tagħlim isir biss għal skop ta’ eżami.

## Kummenti ta' l-Eżaminaturi

| L-ittra / in-numru tal-mistoqsija | L-opinjoni ta' l-eżaminaturi dwar il-mistoqsija. | Kif wieġbu l-mistoqsija l-kandidati |
|---|---|---|
| **A** | It-Taħriġ il-fehem kellu silta addattata ħafna b'mistoqsijiet tajbin biex il-kandidati juru kemm jifhmu l-Malti u kemm huma kapaċi janalizzaw dak li jaqraw. | Ġeneralment wieġbu tajjeb, iżda numru sew tfixklu f'mistoqsijiet 5 u 7 li kienu ta' xejra inferenzjali. Xi wħud li m'għandhomx vokabularju wiesa' ma fehmux il-kliem: **professjoni, tipprattika, sahra u samaritani**. Ħafna m'għamlux distinzjoni bejn **sufan** (għamara) u **salott** (kamra). |
| **B** | Taħriġ addattat li jittestja l-ħakma fuq il-vokabularju u l-idjoma fil-kuntest, kif ukoll fl-analiżi testwali. | Il-maġġoranza wieġbu tajjeb għax fehmu s-silta u għax għandhom ħażna ta' vokabularju tajba. Uħud ikkupjaw nofs idjoma mis-silta jew ikkupjaw ħażin. |
| **Ċ** | Taħriġ impenjattiv u interessanti li jittestja mhux biss il-vokabularju iżda diversi aspetti tal-grammatika. | Numru sew ta' kandidati marru żmerċ speċjalment fit-tiswir ta': **tirringrazzja, tikkura u żjajjar (żjarat).** |
| **D** | Taħriġ li jkejjel il-ħila tal-kandidati f'aspetti varji tal-lingwa/grammatika. | Dan kien eżerċizzju fejn il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb ħafna. Jidher li l-grammatika/lingwa maħduma f'kuntest ma' jsibuhiex diffiċli. |
| **E** | Taħriġ '**cloze'** li jittesja kemm il-kandidati jaraw aspetti tal-lingwa f'kuntest. | Kull min qabad il-linja tal-ħsieb wieġeb tajjeb sa l-aħħar. Dawk li ma fehmux żbaljaw bl-ikrah. Oħrajn żbaljaw fl-ortografija. |
| **F** | Dan kien taħriġ ieħor f'kuntest li jittestja l-għarfien tal-partiċelli. | Dawk il-ftit li għamlu xi żbalji ma qagħdux attenti għar-regola (**ta'…** u **tal-…**) u kitbu: **għall-**Birkirkara, **tal-**Lonzu. Xi oħrajn żbaljaw billi kitbu: **bill-, mall-, fill-**. |
| **Ġ** | Taħriġ ta' livell għoli fl-użu tan-negattiv mogħti f'kuntest u li jagħmel ħafna sens. | Kien hemm żbalji komuni fl-ortografija mill-maġġoranza tal-kandidati, speċjalment bi ksur tar-regola ta' l-aċċent. L-aktar żbalji kienu: **ma melietx (ma mlietx), ma tiekolx (ma tikolx), ma qagħadniex (ma qgħadniex**). |
| **G** | Taħriġ funzjonali f'forma ta' reklam li kien jitlob il-ħila kreattiva f'sitwazzjoni mill-ħajja ta' kuljum. | Kien hemm żbalji komuni fl-ortografija mill-maġġoranza tal-kandidati, speċjalment bi ksur tar-regola ta' l-aċċent. L-aktar żbalji kienu: **ma melietx (ma mlietx), ma tiekolx (ma tikolx), ma qagħadniex (ma qgħadniex**). |

| | | |
|---|---|---|
| **GĦ** | Taħriġ ħafif li seta' għen lil dawk li jżommu mar-regoli grammatikali. | Il-maġġoranza wieġbu tajjeb. Dawk li tilfu l-konċentrazzjoni marru ħażin u għamlu żbalji ortografiċi: **il-xulxin** flok **'il xulxin**, **l-isfel** flok **'l isfel**, eċċ |
| **H** | Dan it-taħriġ dwar l-idjomi f'kuntest kien jitlob ċertu ħsieb biex titkompla l-idjoma b'eżattezza. | Ħafna ġabuh tajjeb, iżda numru sew ta' kandidati tfixklu fin-numru 3 "… għandu fommu **sieket**'. Oħrajn żbaljaw fl-ortografija: **siket** flok **sieket**, **idaħal** flok **idaħħal**, **idefes** flok **ideffes**, **ponnot** flok **ponot**, eċċ |
| **Ħ** | Taħriġ ieħor funzjonali u impenjattiv f'forma ta' djalogu li jitlob koesjoni ta' ideat f'kuntest partikolari. | Min fehem is-sitwazzjoni ħoloq djalogu bis-sens. Ħafna ma qabdux il-linja tal-ħsieb, għamlu żbalji grammatikali u sintattiċi u ħallew punteġġjatura barra. Xi wħud daħħlu kitbiet xotti xotti bħal: "Veru?", "Tajjeb.", "Naħseb!". |
| **I** | Taħriġ ieħor funzjonali u ta' sens komun. Forsi kien kemmxejn ħafif megħjun minn grafika addattata. | Jidher taħriġ ħafif li jitlob attenzjoni. Il-maġġoranza wieġbu tajjeb. Xi wħud urew nuqqas ta' koerenza u fasslu mistoqsijiet bla sens. Xi oħrajn ma ndunawx x'intalab u flok kitbu mistoqsijiet poġġew l-erba' sentenzi f'sekwenza mill-1 sal-4. |
| **IE** | Il-ħames titli tal-komponimenti kienu addattati għal dan il-livell ta' eżami. Kien hemm għażla varjata fejn il-kandidat seta' jikteb mingħajr tbatija. | Kif dejjem jiġri l-aktar li jintgħażel hu l-komponiment ta' xeħta narrativa. Il-komponimenti bin-numri 3, 4 u 5 intgħażlu l-aktar. L-anqas li ntgħażel kien il-komponiment bin-numru 1 (**Kemm nitgħallem mill-album tal-bolli!**) Min għażel dan naqas jgħid x'jitgħallem. Dawk li kitbu dwar in-numru 2 (**Il-karozzi jgħinuna jew jeqirduna?**) ippreżentaw diversi ideat validi iżda m'għarfux jesprimuhom b'mod ordnat u loġiku. Dawk li għażlu l-komponimenti 3 u 4 (**"Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li…" u "Bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra…"**) kienu l-aktar li marru tajjeb. Il-komponiment numru 5 ta l-akbar sfog lil dawk li għandhom kitba mexxejja. |

## Kummenti u Suġġerimenti fuq kull mistoqsija għal tagħlim aħjar

A. Jeħtieg li l-istudenti jingħataw taħriġ fejn jitkejjel il-fehem minn qari bejn il-linji. L-għalliema għandhom jisħqu fuq tweġibiet bi struttura sintattika tajba u eżatta.
B. Wasal iż-żmien li l-kandidati jintalbu jagħtu tifsir minn moħħhom kif mifhum mill-kuntest.
Ċ. Trid issir aktar enfasi fuq kif jissawru d-derivattivi speċjalment minn kliem rumanz. Għandha tingħata attenzjoni fuq il-ħoss (il-fonema) fejn jidħlu ittri doppji.

D. Wieħed irid jisħaq fuq din il-kwalità ta’ eżerċizzji li jħarrġu lill-istudenti f’aspetti tal-lingwa funzjonali.
E. B’taħriġiet tat-tip 'cloze' l-istudenti jidraw jaħsbu sewwa biex jaslu jsenslu l-kliem fil-kuntest ta’ silta.
F. Ir-regoli semplici mgħallma matul is-snin qegħdin jintnesew. Hemm bżonn ta’ aktar taħriġ f’kuntest sew b’kitba, fi smigħ, taħdit u qari.
Ġ. Għandha ssir aktar enfasi bl-użu tal-mudelli f’taħriġiet grammatikali.
G. L-istudenti għandhom ikunu konxji għal dak li jitlob it-taħriġ. Irid ikollhom aktar konċentrazzjoni. Dan it-taħriġ wera li l-istudenti ma jużawx Malti tajjeb meta jitkellmu. Għandhon jitrawmu aktar f’taħriġiet kreattivi ta’ din ix-xorta biex il-ħila tat-taħdit titqarreb lejn dik tal-kitba.
GĦ. Meta l-għażla tal-vokabularju tkun mifruxa quddiem il-kandidati wieħed ma jistenniex ċertu tipi ta’ żbalji ortografiċi. Din m’hi xejn għajr traskuraġni. L-għalliema għandhom jisħqu fuq il-konċentrazzjoni.
H. L-istudenti għandhom jingħataw spazju għas-smigħ ta’ testi b’espressjonijiet idjomatiċi f’kuntesti varji. Hawn ukoll ħareġ id-difett tal-ħoss bl-ittri doppji.
Ħ. Ikun tajjeb jekk l-għalliema jrawmu lill-istudenti jiddjalogaw u jiddibattu biex jidraw isegwu linja ta’ ħsieb u juru fehemthom.
I. Għandha ssir enfasi fuq konċentrazzjoni adekwata biex jinftiehem sew xi jkun mitlub fit-titlu. Jekk kellha tingħata mistoqsija wieħed ma jistenniex ħaġa oħra. L-għalliema għandhom jisħqu fuq il-koerenza u l-loġika li jippreżentalhom taħriġ.
IE. Kien hemm diversi komponimenti sbieħ miktubin b’Malti tajjeb, meqjus u b’idjomi flokhom u kreattività mill-aqwa. J’alla dawn jiżdiedu!
B’dispjaċir wieħed irid jistqarr li għad fadal wisq xi jsir f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-ortografija, mas-sintassi, mal-punteġġjatura u mal-preżentazzjoni. Qed ikun hemm numru kbir ta’ preżentazzjonijiet b’kalligrafija illeġibbli u ta’ ħarra mmorru.
L-għalliema għandhom iħarrġu lill-istudenti tagħhom jiktbu komponimenti deskrittivi u argumentattivi.
L-eżaminaturi apprezzaw ħafna l-mod kif xi kandidati fasslu l-pjan tal- komponiment qabel kitbuh. Din hi prattika li l-għalliema għandhom jisħqu fuqha.

## Konklużjoni

Jidher li l-karta kienet waħda ‘ĦABIBA’ b’tema partikolari, bi grafika addattata u li ntlaqgħet tajjeb. Hemm evidenza qawwija li kienet ta’ livell tajjeb. Jidher li kienet karta gradata li tilħaq kull livell ta’ intelliġenza.
L-eżaminaturi jħeġġu mhux biss lill-għalliema tas-Sitt Sena biex jiflu sew dan ir-rapport, iżda lil kull għalliem/a mill-ewwel sena tal-livell primarju ‘l fuq.
Fl-aħħarnett l-eżaminaturi jroddu kull ħajr lill-għalliema kollha għall-isforzi li jagħmlu biex jgħallmu lil uliedna.